II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 720/2010

tal-11 ta' Awwissu 2010

li jiftaħ investigazzjoni rigward il-possibbiltà li ġew evitati miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 599/2009 fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika permezz ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinjati mill-Kanada u minn Singapor, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw mill-Kanada u minn Singapor u kemm jekk le, u permezz ta' importazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, u li jagħmel tali importazzjonijiet suġġetti għal reġistrazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping minn* pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku") u b'mod partikolari l-Artikoli 13(3), 14(3) u 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IT-TALBA

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-possibbiltà li ġew evitati miżuri anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika.

It-talba tressqet fit-30 ta' Ġunju 2010 mill-Bord Ewropew tal-Bijodiżil (EBB – European Biodiesel Board) f'isem il-produtturi tal-bijodiżil tal-Unjoni.

B. IL-PRODOTT

Il-prodott ikkonċernat minn din il-possibbiltà li ġew evitati miżuri anti-dumping huwa esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħrufa b'mod komuni bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fiha bil-piż iktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, li bħalissa jaqgħu fil-kodiċijiet NM ex 1516 20 98, ex 1518 00 91, ex 1518 00 99, ex 2710 19 41, 3824 90 91, ex 3824 90 97, u li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ("il-prodott ikkonċernat").

Il-prodott li qed jiġi investigat huwa esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħrufa b'mod komuni bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fiha bil-piż iktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, ikkunsinjati mill-Kanada u minn Singapor u bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika ("il-prodott investigat"), li bħalissa jaqgħu fl-istess kodiċijiet ta' NM bħall-prodott ikkonċernat għajr il-kodiċi NM 3824 90 91 li dwaru l-investigazzjoni hija limitata għal prodotti kkunsinjati mill-Kanada u Singapor.

C. IL-MIŻURI EŻISTENTI

Il-miżuri attwalment fis-seħħ u li possibbilment qed jiġu evitati huma l-miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (Nru) 599/2009 [2].

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.

[2] ĠU L 179, 10.7.2009, p. 26

D. **IL-BAŻI**

It-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* li l-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika qed jiġu evitati permezz tat-trasbord tal-bijodiżil mill-Kanada u minn Singapor u permezz ta' esportazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' bijodiżil.

L-evidenza mressqa hija kif ġej:

It-talba turi li kien hemm bidla sinifikanti fix-xejra tal-kummerċ li tinvolvi l-esportazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika, mill-Kanada u minn Singapor lejn l-Unjoni wara l-impożizzjoni ta' miżuri fuq il-prodott ikkonċernat, u li ma hemmx raġuni jew ġustifikazzjoni adegwata biżżejjed ħlief l-impożizzjoni tad-dazju għal bidla ta' din ix-xorta.

Din il-bidla fix-xejra tal-kummerċ jidher li ġejja mit-trasbord tal-bijodiżil, li joriġina mill-Istati Uniti tal-Amerika, mill-Kanada u minn Singapor.

Qed jiġi sostnut ukoll li wara l-impożizzjoni tal-miżuri, l-esportazzjonijiet tal-bijodiżil f'taħlitiet li fihom 20 % jew inqas ta' bijodiżil mill-Istati Uniti tal-Amerika bdew jaslu fl-Unjoni, fejn allegatament ħadu vantaġġ mil-limitu fil-kontenut tal-bijodiżil iffissat fid-deskrizzjoni tal-prodott ikkonċernat.

Barra minn hekk, it-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq il-prodott ikkonċernat qegħdin jiddgħajfu kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' prezz. Volumi sinifikanti ta' importazzjonijiet ta' bijodiżil mill-Kanada u minn Singapor u ta' bijodiżil f'taħlitiet li fihom 20 % jew inqas ta' bijodiżil, jidher li ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, hemm biżżejjed evidenza li din iż-żieda fil-volum tal-importazzjonijiet qiegħda ssir bi prezzijiet ferm taħt il-prezz li ma jikkawżax danni stabbiliti fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri eżistenti.

Fl-aħħar nett, it-talba tinkludi biżżejjed evidenza *prima facie* li l-prezzijiet tal-prodott investigat qegħdin ikunu oġġett ta' dumping fir-rigward tal-valur normali stabbilit qabel għall-prodott ikkonċernat.

Jekk fil-proċess tal-investigazzjoni tiġi identifikata prassi ta' evażjoni koperti mill-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku, għajr il-prassi deskritta iktar 'il fuq, l-investigazzjoni tista' tkopri din il-prassi wkoll.

E. **IL-PROĊEDURA**

Fid-dawl ta' dak li ngħad iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm biżżejjed evidenza biex ikun iġġustifikat li tinbeda investigazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament bażiku u biex l-importazzjonijiet tal-bijodiżil ikkunsinjati mill-Kanada u minn Singapor, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Kanada u f'Singapor u kemm jekk le, kif ukoll l-importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika ta' bijodiżil f'taħlita li fiha 20 % jew inqas bil-piż ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba b'sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(a) **Il-kwestjonarji**

Sabiex tikseb it-tagħrif li hija tqis li huwa neċessarju għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-esportaturi/produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi/produtturi fil-Kanada u f'Singapor, lill-esportaturi/produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-esportaturi/produtturi fl-Istati Uniti tal-Amerika, lill-importaturi magħrufa u lill-assoċjazzjonijiet tal-importaturi magħrufa fl-Unjoni u lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika, tal-Kanada u ta' Singapor. Jista' wkoll jintalab tagħrif, kif inhu xieraq, mingħand l-industrija tal-Unjoni.

F'kull każ, il-partijiet interessati kollha għandhom jikkuntattjaw lill-Kummissjoni minnufih, iżda mhux iktar tard mil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament biex isiru jafu jekk humiex elenkati fit-talba u biex jitolbu kwestjonarju fil-limitu ta' żmien stipulat fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament, billi l-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament japplika għall-partijiet interessati kollha.

L-awtoritajiet tal-Istati Uniti tal-Amerika u tal-Kanada u ta' Singapor se jkunu nnotifikati bil-bidu tal-investigazzjoni.

(b) **Il-ġbir tat-tagħrif u s-seduti ta' smigħ**

Il-partijiet interessati kollha b'dan huma mistiedna jagħtu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm jagħmlu talba bil-miktub u juru li hemm raġunijiet partikolari għalfejn għandhom jinstemgħu.

(c) **L-eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri**

Skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat jistgħu jkunu eżentati mir-reġistrazzjoni jew mill-miżuri jekk l-importazzjoni ma tikkostitwixxix evażjoni.

Billi l-possibbiltà ta' evażjoni ssir barra mill-Unjoni, jistgħu jingħataw eżenzjonijiet, skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku, lill-produtturi tal-prodott investigat li jistgħu juru li mhuma relatati [1] mal-ebda produttur suġġett għall-miżuri [2] u li jinstab li mhumiex involuti fi prassi ta' evażjoni kif ġie ddefinit fl-Artikoli 13(1) u 13(2) tar-Regolament bażiku. Il-produtturi li jixtiequ jiksbu eżenzjoni għandhom jibagħtu talba b'evidenza xierqa ta' sostenn fil-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikolu 3(3) ta' dan ir-Regolament.

F. **IR-REĠISTRAZZJONI**

Skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-importazzjonijiet tal-prodott investigat għandhom ikunu suġġetti għal reġistrazzjoni sabiex ikun żgurat li, jekk mill-investigazzjoni jinstab li kien hemm evażjoni, ammont xieraq ta' dazji tal-anti-dumping jista' jiġi impost b'mod retroattiv mid-data tar-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet ta' din ix-xorta kkunsinjati mill-Kanada u minn Singapor kif ukoll importazzjonijiet mill-Istati Uniti tal-Amerika ta' bijodiżil f'taħlitiet li fihom bil-piż 20 % jew inqas ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba b'sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili.

Biex ir-reġistrazzjoni tkun biżżejjed effettiva fid-dawl ta' ġbir retroattiv eventwali ta' dazju ta' anti-dumping, il-persuna li tiddikjara għandha tindika fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana l-proporzjon fit-taħlita, bil-piż, tal-kontenut totali ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba b'sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili (kontenut ta' bijodiżil).

G. **IL-LIMITI TAŻ-ŻMIEN**

Fl-interess ta' amministrazzjoni soda, għandhom jiġu ddikjarati limiti ta' żmien li matulhom:

— il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw irwieħhom lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju tagħhom jew kull tagħrif ieħor li għandu jitqies fl-investigazzjoni,

— il-produtturi fil-Kanada, f'Singapor u fl-Istati Uniti tal-Amerika jistgħu jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri,

— il-partijiet interessati jistgħu jagħmlu talba bil-miktub biex jinstemgħu mill-Kummissjoni.

Ta' min jiġbed l-attenzjoni li l-eżerċizzju tal-parti l-kbira tad-drittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependi mill-fatt li l-parti tippreżenta ruħha fil-limiti taż-żmien imsemmijin fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

H. **IN-NUQQAS TA' KOOPERAZZJONI**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għat-tagħrif meħtieġ jew ma tipprovdihx fil-limiti ta' żmien stipulati, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, dak it-tagħrif għandu jitwarrab u jistgħu jintużaw il-fatti disponibbli. Jekk xi parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss parzjalment u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

I. **L-ISKEDA TAL-INVESTIGAZZJONI**

L-investigazzjoni għandha tiġi konkluża, skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku, fi żmien disa' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

[1] Skont l-Artikolu 143 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali Komunitarju, persuni għandhom jitqiesu li jkunu relatati biss jekk: (a) ikunu uffiċjali jew diretturi tan-negozju ta' xulxin; (b) ikunu legalment rikonoxxuti bħala soċji fin-negozju; (c) ikunu min jimpjega u l-impjegat; (d) kull persuna li direttament jew indirettament tippossjedi, tikkontrolla jew ikollha 5 % jew aktar tal-ishma jew ta' kwoti ta' ishma li jivvutaw jew tat-tnejn; (e) wieħed minnhom, direttament jew indirettament jikkontrolla lill-ieħor; (f) it-tnejn li huma huma direttament jew indirettament ikkontrollati minn terza persuna; (g) flimkien huma direttament jew indirettament jikkontrollaw terza persuna; jew (h) huma membri tal-istess familja. Persuni għandhom jitqiesu li jkunu membri tal-istess familja jekk ikollhom biss ir-relazzjonijiet li ġejjin bejniethom: (i) konjuġi, (ii) ġenituri u wild, (iii) aħwa (sew jekk tal-istess ġenituri jew aħwa minn ġenitur wieħed), (iv) nanniet u neputijiet, (v) ziju jew zija u neputi jew neputija, (vi) ġenituri jew ulied tar-rispett, (vii) aħwa tar-rispett. (ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1). F'dan il-kuntest "persuna" tfisser kwalunkwe persuna naturali jew legali.

[2] Jekk il-produtturi huma relatati ma' kumpaniji suġġetti għall-miżuri stabbiliti fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika (il-miżuri anti-dumping oriġinali), mhux se tingħata eżenzjoni jekk ikun hemm evidenza li r-relazzjoni mal-kumpaniji suġġetti għall-miżuri oriġinali kienet stabbilita jew intużat biex ikunu hemm evażjoni tal-miżuri oriġinali.

J. **L-IPPROĊESSAR TA' DEJTA PERSONALI**

Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-dejta [1].

K. **L-UFFIĊJAL GĦAS-SEDUTI TA' SMIGĦ**

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jeżerċitaw id-drittijiet ta' difiża tagħhom, dawn ikunu jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti ta' Smigħ tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ. Dan jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li joffri, fejn ikun meħtieġ, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni tal-limiti taż-żmien u t-trattament tas-sottomissjoni tal-opinjonijiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal iktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal għas-Seduti ta' Smigħ fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ (http://ec.europa.eu/trade).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

B'dan qed tinbeda investigazzjoni skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, sabiex ikun iddeterminat:

a) jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, magħrufa b'mod komuni bħala "bijodiżil", f'forma pura jew f'taħlita li jkun fiha bil-piż iktar minn 20 % ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili, ikkunsinjati mill-Kanada u minn Singapor, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Kanada u f'Singapor u kemm jekk le, u li attwalment jaqgħu fil-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 21), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 21), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 21), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 21), ex 3824 90 91 (kodiċi TARIC 3824 90 91 10) u ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 01) humiex qed jevadu l-miżuri imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 599/2009 u

b) jekk l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' bijodiżil f'taħlita li fiha bil-piż 20 % jew inqas ta' esteri monoalkiliċi aċidi xaħmija u/jew ta' nafta paraffinika miksuba minn sinteżi u/jew permezz ta' trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili li joriġinaw mill-Istati Uniti tal-Amerika, u li bħalissa jaqgħu fil-kodiċijiet NM ex 1516 20 98 (kodiċi TARIC 1516 20 98 30), ex 1518 00 91 (kodiċi TARIC 1518 00 91 30), ex 1518 00 99 (kodiċi TARIC 1518 00 99 30), ex 2710 19 41 (kodiċi TARIC 2710 19 41 30) u ex 3824 90 97 (kodiċi TARIC 3824 90 97 04) humiex qed jevadu l-miżuri imposti bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 599/2009.

Artikolu 2

L-awtoritajiet doganali b'dan huma mitluba, skont l-Artikolu 13(3) u l-Artikolu 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, biex jieħdu l-passi xierqa sabiex jirreġistraw l-importazzjonijiet fl-Unjoni identifikati fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament.

Il-persuna li tiddikjara għandha tindika fuq id-dikjarazzjoni tad-dwana l-proporzjon fit-taħlita, bil-piż, tal-kontenut totali ta' esteri monoalkiliċi tal-aċidi xaħmija u/jew nafta paraffinika miksuba b'sinteżi u/jew trattament idriku, ta' oriġini mhux mill-fossili (kontenut ta' bijodiżil).

Ir-reġistrazzjoni għandha tiskadi disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni tista', permezz ta' Regolament, titlob lill-awtoritajiet doganali jwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet fl-Unjoni ta' prodotti mmanifatturati mill-produtturi li jkunu applikaw għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni u li jkun instab li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex tingħata eżenzjoni.

Artikolu 3

1. Il-kwestjonarji għandhom jintalbu mingħand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Biex ir-rappreżentazzjonijiet tagħhom jitqiesu waqt l-investigazzjoni, il-partijiet interessati jridu jippreżentaw irwieħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom bil-miktub u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

3. Il-produtturi fil-Kanada, f'Singapor u fl-Istati Uniti li jitolbu eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri għandhom jippreżentaw talba b'evidenza xierqa ta' sostenn fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

4. Il-partijiet interessati jistgħu japplikaw ukoll biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess limitu ta' żmien ta' 37 jum.

[1] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

5. Kull tagħrif, kull talba għal seduta jew għal kwestjonarju kif ukoll kull talba għal eżenzjoni mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet jew mill-miżuri trid issir bil-miktub (mhux f'format elettroniku, sakemm mhux speċifikat mod ieħor) u trid tindika l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku kif ukoll in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Kull preżentazzjoni bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan ir-Regolament, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza pprovduta mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandha tkun immarkata bħala "*Limitata*" ([1]) u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandha tkun akkumpanjata minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li għandha tkun immarkata "*Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati*".

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: N-105 4/92
1049 Bruxelles/Brussels
BELGIQUE/BELGIË
Fax +32 22956505

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Awwissu 2010.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

([1]) Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim dwar l-Anti-dumping).